KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

KOKOTT

ippreżentati fit-23 ta' April 2009 [1]

I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża tagħti mill-ġdid lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tikkjarifika punt importanti tal-ġurisprudenza tagħha dwar l-imputazzjoni tar-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv ġewwa gruppi ta' impriżi. Madankollu, b'differenza mill-kawża ETI [2], reċentement deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'din il-kawża l-kwistjoni ma tirrigwardax problema ta' suċċessjoni ta' impriżi imma l-kwistjoni ta' liema huma l-kundizzjonijiet biex kumpannija parent tkun responsabbli għall-aġir antikompetittiv tas-sussidjarji tagħha.

2. L-isfond għal din il-kwistjoni hija proċedura għal aġir antikompetittiv fejn il-Kummissjoni sabet li erba' kumpanniji sussidjarji kompletament ikkontrollati minn Akzo Nobel NV, billi pparteċipaw f'akkordji fis-settur tal-klorur tal-kolin bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, kisru l-Artikolu 81(1) KE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE [3]. Għalkemm il-kumpannija parent Akzo Nobel NV ma pparteċipatx personalment fl-akkordju hija xorta ġiet ikkundannata għal ħlas ta' multa *in solidum* mat-tliet sussidjarji tagħha. Id-Deċiżjoni li l-Kummissjoni adottat f'dan ir-rigward fid-9 ta' Diċembru 2004 [4] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") ġiet kompletament ikkonfermata mill-Qorti tal-Prim'Istanza bis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2007 [5] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja issa għandha quddiemha appell ippreżentat minn Akzo Nobel NV u minn erba' kumpannija tal-grupp Akzo Nobel. Sostanzjalment il-partijiet jaqblu fuq il-fatt li kumpannija parent tista' tinżamm responsabbli għal aġir antikompetittiv tas-sussidjarji tagħha jekk hija jkollha influwenza deċiżiva fuqhom. Madankollu hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk din l-influwenza tistax tiġi preżunta fil-każ ta' kumpannija parent li jkollha l-ishma kollha tas-sussidjarji tagħha jew inkella jekk għandux ikun hemm, minbarra dan, indikazzjonijiet ċari li l-kumpannija parent tinfluwenza l-aġir tas-sussidjarji tagħha; il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza mhijiex uniformi fuq dan il-punt [6]. Jeħtieġ li jiġi ċċarat ukoll xi tfisser preċiżament influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent (is-suġġett tal-influwenza deċiżiva).

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, ETI *et* (C-280/06, Ġabra p. I-10893).

3 — Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU 1994 L 1, p. 3).

4 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/566/KE tad-9 ta' Diċembru 2004 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-2/37.533 — klorur tal-kolin), innotifikata bin-numru C(2004) 4717, miġbura fil-qosor fil-ĠU 2005, L 190, p. 22.

5 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2007, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (T-112/05, Ġabra p. II-5049).

6 — F'dan ir-rigward ara, b'mod partikolari, il-punti 63 sa 68 ta' dawn il-konklużjonijiet.

II — Il-kuntest ġuridiku

4. Il-kuntest ġuridiku ta' din il-kawża huwa rrappreżentat mill-Artikolu 81(1) KE, mill-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE kif ukoll mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [7].

5. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 81(1) KE jipprovdu:

"Is-segwenti għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq komuni u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni, partikolarment dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju;

b) il-limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni, tas-swieq, ta' l-iżvilupp tekniku jew ta' l-investiment;

c) it-tqassim tas-swieq jew it-tqassim ta' fonti ta' provvista;

[…]".

6. Il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE huwa essenzjalment identiku għal dak tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81(1) KE imma b'riferiment għall-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim ŻEE u għall-kuntest tal-applikazzjoni *ratione loci* tiegħu.

7. L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi:

"Il-Kummissjoni tista' b'deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża meta, jew b'intenżjoni jew b'negligenza:

7 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

a) jiksru l-Artikolu 81 jew l-Artikolu 82 tat-Trattat […].

[…]

Għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' l-impriża li qed jipparteċipaw fil-ksur, il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ fis-sena kmmerċjali preċedenti.

[…]".

III — Il-kuntest tal-kawża

A — *Il-fatti u l-proċedura amministrattiva*

8. Skont il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, li għalihom tirreferi l-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata [8], il-bażi fattwali ta' dan il-każ hija:

9. Wara li rċeviet, f'April 1999, talba għal trattament favorevoli min-naħa ta' produttur Amerikan, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni fuq is-settur tal-klorur tal-kolin fuq livell dinji.

10. Il-klorur tal-kolin jagħmel parti mill-grupp ta' vitamini idrosolubbli tal-kumpless B (vitamina B4) u jintuża l-iktar fl-għalf tal-annimali bħala addittiv tal-ikel. Minbarra l-produtturi, is-suq tal-klorur tal-kolin huwa magħmul minn konvertituri, li jixtru l-prodott mingħand il-produtturi f'forma likwida u jikkonvertuh, f'isem il-produttur jew f'isimhom stess, fi klorur tal-kolin fuq *carrier* u min-naħa l-oħra mid-distributuri.

11. Anki l-appellanti, ħames kumpanniji tal-grupp Akzo Nobel, joperaw fis-suq tal-klorur tal-kolin. Akzo Nobel NV, li hija stabbilita fl-Olanda, hija l-kumpannija parent tal-grupp Akzo Nobel u għandha (bħala kumpannija *holding* pura) l-ishma kollha tas-sussidjarji tagħha Akzo Nobel Chemicals International BV u Akzo Nobel Nederland BV. Din tal-aħħar għandha l-ishma kollha tas-sussidjarja tagħha Akzo Nobel Chemicals BV li min-naħa tagħha għandha l-ishma kollha tas-sussidjarja tagħha Akzo Nobel Functional Chemicals BV.

12. Wara li kkonkludiet l-investigazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni kkonstatat, fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-appel-

8 — Ara b'mod partikolari l-punti 1 sa 20 tas-sentenza appellata.

lanti kienu ppartećipaw, kemm f'livell dinji kif ukoll f'dak Ewropew, fi ftehim u prattiki miftiehma dwar l-iffissar tal-prezzijiet, it-tqassim tas-swieq, u azzjonijiet miftiehma fil-konfront tal-kompetituri fis-settur tal-klorur tal-kolin fil-kuntest taż-ŻEE u b'hekk kisru l-Artikolu 81(1) KE u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE [9].

13. Fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 20.99 miljun, fuq Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV, flimkien u *in solidum.*

14. Fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ordnat lil-appellanti jwaqqfu minnufih il-ksur imsemmi fl-Artikolu 1 u biex fil-futur jibqgħu lura milli jwettqu l-aġir illegali kkonstatat u milli jieħdu miżuri li jkollhom għan jew effett identiku jew simili.

15. Il-Kummissjoni mmotivat id-deċiżjoni tagħha billi qalet li n-nuqqas ta' awtonomija kummerċjali tal-kumpanniji sussidjarji jfisser li d-deċiżjoni tagħha għandha tiġi indirizzata wkoll lill-kumpannija parent Akzo Nobel NV, għalkemm din, kuntrarjament għal dawk il-kumpanniji sussidjarji, ma kinitx ipparteċipat hija nfisha fl-akkordju [10]. Għall-istess raġuni, fid-deċiżjoni kollha tagħha, il-Kummissjoni bbażat ruħha, anki meta kkalkolat l-ammont tal-multa, fuq is-sehem tas-suq u d-dħul mill-bejgħ ta' Akzo Nobel bħala grupp [11].

B — *Il-proċedura ġudizzjarja*

16. Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV konġuntament ikkontestaw id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u talbu li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni talbet li r-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli jew manifestament infondat fir-rigward ta' Akzo Nobel Nederland, Akzo Nobel Chemicals International u Akzo Nobel Chemicals, li l-bqija tar-rikors jiġi miċħud u li l-appellanti jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż.

17. Permezz tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2007 il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat kompletament id-deċiżjoni kkontestata. Hija ċaħdet ir-rikors u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż.

9 — Id-deċiżjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 53 ŻEE — minbarra fuq l-Artikolu 81 KE — għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1994, data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE.

10 — Ara l-premessi 168 sa 175 tad-deċiżjoni kkontestata.

11 — Ara l-premessi 12, 42, 44 u 201 sa 203 tad-deċiżjoni kkontestata.

18. Fl-appell konġunt ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Marzu 2008, Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV issa qed jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha

— tannulla s-sentenza appellata inkwantu din ċaħdet il-motiv dwar il-fatt li Akzo Nobel NV kienet instabet b'mod żbaljat responsabbli *in solidum*;

— tannulla s-sentenza appellata inkwantu din sabet li Akzo Nobel NV kienet responsabbli, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, sa fejn jirrigwardaw l-aggravju miġjub f'dan l-appell.

19. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:,

— tiċħad l-appell u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

20. Il-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żvolġiet kompletament bil-miktub. L-ebda parti ma talbet li ssir trattazzjoni orali.

IV — Evalwazzjoni

A — *Ammissibbiltà tal-appell*

21. Il-Kummissjoni qabel xejn qed teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-appell minn żewġ aspetti.

22. Bl-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, hija qed tikkontesta l-*locus standi* u l-interess ġuridiku tal-parti l-kbira tal-appellanti. Hija qed teċċepixxi li l-appell qed jikkontesta biss ir-responsabbiltà *in solidum* ta' Akzo Nobel NV, u għaldaqstant Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV ma għandhomx "*locus standi*".

23. Din l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni ma tistax tintlaqa'. Il-*locus standi* tal-appellanti kollha jirriżulta mil-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki sempliċement jekk minħabba l-fatt li dawn tilfu quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza [12].

24. Għal dak li jirrigwarda l-*interess ġuridiku*, skont ġurisprudenza stabbilita l-interess jeżisti sakemm l-appell, jekk jirnexxi, ikun jista' jkun ta' vantaġġ għall-parti li tkun ressqitu [13]. Dan jgħodd ukoll fil-konfront ta' Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV peress li, għalkemm l-appell f'din il-kawża jirrigwarda biss ir-responsabbiltà *in solidum* ta' Akzo Nobel NV, l-appell xorta waħda jista' jkun ta' vantaġġ konkret għal-appellanti l-oħra kollha.

25. Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat il-multa ta' EUR 20.99 miljun imposta *in solidum* fuq l-appellanti mill-Kummissjoni. Jekk is-sitwazzjoni tibqa' hekk, il-Kummissjoni tkun tista', skont il-prinċipji ta' responsabbiltà *in solidum*, titlob il-ħlas tal-ammont sħiħ tal-multa mingħand kull wieħed mill-appellanti. Madankollu, jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tiġi annullata fl-appell fir-rigward tar-responsabbiltà ta' Akzo Nobel NV, fil-kuntest tal-iffissar tal-multa ma jkunux iktar jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sehem tas-suq u d-dħul mill-bejgħ tal-grupp ta' impriżi Akzo Nobel kollu, u dan ikun ifisser li l-multa imposta *in solidum* fuq is-sussidjarji għandha tkun ferm iżgħar. Għalhekk, fil-konfront tal-appellanti l-oħra dan ikun jinvolvi vantaġġ kunsiderevoli peress li l-ammont totali li l-Kummissjoni tista' titlob mingħand kull waħda minnhom, skont il-prinċipji ta' responsabbiltà *in solidum*, ikollu jitnaqqas kunsiderevolment. B'dan il-mod jitnaqqas ukoll l-eventwali riskju li jsir żball fil-ħlas tad-debitu *in solidum* mill-kontribuzzjonijiet fost il-grupp.

26. Bit-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà l-Kummissjoni ssostni li partijiet tal-aggravju jikkostitwixxu *aggravji ġodda inammissibbli bħala tali*. Pereżempju l-Kummissjoni tgħid li l-appellanti ma kkontestawx quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza l-validità tal-preżunzjoni li tgħid li kumpannija parent għandha influwenza deċiżiva fuq kumpannija li l-ishma kollha tagħha jkunu miżmumin minn din tal-ewwel. Barra minn hekk, l-appellanti ma eċċepewx fl-ewwel istanza li, kif qed jgħidu issa, interpretazzjoni wiesgħa tas-suġġett tal-influwenza deċiżiva tikser il-prinċipju ta' responsabbiltà personali.

27. Anki din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda.

12 — Ara wkoll is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Procter & Gamble vs UASI ("Baby-dry" C-383/99 P, Ġabra p. I-6251, punt 18); tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, Ġabra p. I-4333, punt 36), u tas-17 ta' Lulju 2008, Campoli vs Il-Kummissjoni (C-71/07 P, Ġabra p. I-5887, punt 39).

13 — Sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni (C-19/93 P, Ġabra p. I-3319, punt 13); tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard (C-174/99 P, Ġabra p. I-6189, punt 33), u tat-3 ta' April 2003, Il-Parlament vs Samper (C-277/01 P, Ġabra p. I-3019, punt 30); ara wkoll il-konklużjonijiet li ppreżentajt fit-13 ta' Diċembru 2007 fil-kawża Bertelsmann u Sony vs Impala (C-413/06 P, Ġabra p. I-4951), punt 75).

28. Għalkemm huwa minnu li skont l-Artikolu 42(2) moqri flimkien mal-Artikolu 118 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, mhuwiex ammissibbli li jitressqu aggravji ġodda, madankollu l-appellanti jistgħu jintroduċu argumenti ġodda dwar l-aggravji li huwa jkun diġà ressaq fl-ewwel istanza, b'riferiment partikolari għall-pożizzjonijiet li ħadet il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata [14]. Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, il-fatt determinanti mhuwiex jekk l-appellanti ressqux argument ġdid imma jekk l-argument li sar għall-ewwel darba jikkostitwixxix aggravju awtonomu jew huwiex biss estensjoni ammissibbli ta' aggravju diġà propost fi stadju preċedenti tal-proċedura [15].

29. Anki jekk jiġi aċċettat li kien biss fil-proċeduri tal-appell li l-appellanti effettivament ikkontestaw għall-ewwel darba l-validità tar-regola tal-preżunzjoni bħala tali, madankollu dan jista' jiġi kkunsidrat bħala sempliċi elaborazzjoni ta' motiv diġà mressaq fl-ewwel istanza. Fil-fatt, diġà fl-ewwel istanza l-appellanti kienu sostnew, fost l-oħrajn, li Akzo Nobel NV kienet inġustament instabet responsabbli *in solidum* peress li, fin-nuqqas ta' "influwenza deċiżiva" fuq l-aġir fis-suq tas-sussidjarji tagħha, hija ma tifformax entità ekonomika unika magħhom u għalhekk impriża fit-tifsira tal-Artikolu 81 KE. Jekk issa jikkontestaw, fl-appell, anki l-applikabbiltà tar-regola tal-preżunzjoni bħala tali, dan jirrappreżenta sempliċiment argument ieħor insostenn tal-allegata ineżistenza ta' "influwenza deċiżiva" min-naħa ta' Akzo Nobel NV. Fil-fatt, din ir-regola għandha sempliċement l-għan li timplementa u tapplika fil-prattika l-kriterju ta' "influwenza deċiżiva" u hija marbuta mill-qrib miegħu.

30. Dan kollu huwa iktar u iktar minnu fid-dawl tal-fatt li, skont l-Artikolu 225 KE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 112(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, att ta' appell ma għandux sempliċement jirrepeti l-argumenti u l-motivi diġà mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, imma għandu jkollu talbiet li jkunu speċifikatament intiżi li jindikaw l-iżball ta' liġi tal-Qorti tal-Prim'Istanza [16]. Peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, ittrattat b'mod eżawrjenti r-regola tal-preżunzjoni [17], anki l-appellanti kienu marbuta li jikkunsidraw dik ir-regola ta' preżunzjoni fl-att tal-appell tagħhom. Min-naħa l-oħra, dan ma kienx assolutament meħtieġ fl-ewwel istanza billi l-Kummissjoni — b'differenza minn dak li għamlet suċċessivament il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata — ma kinitx ittrattat fid-dettall ir-regola tal-preżunzjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

31. Lanqas is-sens u l-għan tal-Artikolu 118 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti ma jeżiġu

14 — Sentenzi tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (Kawża magħquda C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. I-7869, punt 178); tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punti 64 sa 66), u tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, Ġabra p. I-9363, punt 99); ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi tas-26 ta' Ottubru 2006 fil-kawża Alcon vs UASI (C-412/05 P, Ġabra p. I-3569, punti 17 u 18).

15 — F'dan ir-rigward ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14; fl-istess sens iżda fir-rigward tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċeduri tal-Qorti tal-Ġustizzja, ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 1983, Verros vs Il-Parlament (306/81, Ġabra p. 1755, punt 9); tat-22 ta' Novembru 2001, L-Olanda vs Il-Kunsill (C-301/97, Ġabra p. I-8853, punti 166 u 169), u tal-15 ta' Diċembru 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-66/02, Ġabra p. I-10901, punti 85 u 86).

16 — Sentenzi tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punti 34 u 35); tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, Ġabra p. I-10505), punt 121), u tat-2 ta' April 2009, Bouygues *et* vs Il-Kummissjoni (C-431/07 P, Ġabra p. I-2665), punt 86); ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' April 2009, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-202/07 P, Ġabra p. I-2369, punt 69).

17 — Ara l-punti 60 sa 62 tas-sentenza appellata.

evalwazzjoni legali differenti f'din il-kawża. Skont ġurisprudenza stabbilita, din id-dispożizzjoni hija intiża li tipprevjenti li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'kawża li tkun ta' portata akbar minn dik li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, f'kuntest ta' appell, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzjoni legali mogħtija għall-motivi mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza [18]. Madankollu, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Prim'Istanza diġà kkunsidrat b'mod estensiv ir-rekwiżiti u l-applikabbiltà tar-regola tal-preżunzjoni fir-rigward ta' Akzo Nobel NV [19].

32. Bl-istess mod, lanqas l-argument tal-appellanti li jgħid li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' influwenza deċiżiva jikser il-prinċipju ta' responsabbiltà personali ma jikkostitwixxi eċċezzjoni ġdida inammissibbli. L-appellanti diġà sostnew quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li l-influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biss meta tirrigwarda l-aspetti speċifiċi tal-politika kummerċjali tas-sussidjarja [20]. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, li f'dan ir-rigward tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni usa' tas-suġġett tal-influwenza deċiżiva, ċaħdet dan l-argument fis-sentenza appellata. Għaldaqstant inkwantu l-appellanti issa qed jikkritikaw il-konsegwenzi ta' dik l-interpretazzjoni li fil-fehma tagħhom hija wiesgħa wisq, huma qegħdin sempliċiment jirrispondu għall-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq dan il-punt.

33. Għalhekk l-argument tagħhom huwa argument ġdid ammissibbli fir-rigward ta' motiv li kien diġà inkluż fil-proċedura tal-ewwel istanza. Lanqas f'dan ir-rigward ma hemm ir-riskju li l-Qorti tal-Ġustizzja tmur lil hinn mill-ġurisdizzjoni tagħha fil-proċedura tal-appell, billi l-Qorti tal-Prim'Istanza diġà ttrattat b'mod eżawrjenti l-kwistjoni tas-suġġett tal-influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent [21].

34. Għaldaqstant l-appell huwa ammissibbli kollu kemm hu.

B — *Il-fondatezza tal-appell*

35. L-appellanti huma tal-fehma li kien żbaljat li d-deċiżjoni kkontestata tiġi indirizzata wkoll lil Akzo Nobel NV, inkwantu din, bħala l-kumpannija parent tal-grupp Akzo Nobel, instabet responsabbli bi żball għall-aġir antikompetittiv tas-sussidjarji tagħha. Abbażi ta' dan l-argument, huma jappellaw mis-sentenza tal-ewwel istanza b'aggravju wieħed, jiġifieri li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat u applikat ħażin il-kunċett ta' impriża taħt l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 23 (2) tar-Regolament Nru 1/2003, meta kkunsidrat li Akzo Nobel NV u s-sussidjarji tagħha jikkostitwixxu *impriża waħda.*

18 — Sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punti 57 sa 59); tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 165); tal-21 ta' Settembru 2006, JCB Service vs Il-Kummissjoni (C-167/04 P, Ġabra p. I-8935, punt 114); PKK u KNK vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punti 61 u 66), u France Télécom vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 60).

19 — Ara wkoll il-punti 60 sa 62 tas-sentenza appellata.

20 — Ara l-punt 63 tas-sentenza appellata, fejn dan l-argument huwa ddefinit bħala "argument prinċipali" fl-atti tal-appellanti.

21 — Ara l-punti 63 sa 65 tas-sentenza appellata.

1. Kunsiderazzjonijiet preliminari

36. Il-problema fundamentali tal-imputazzjoni ta' responsabbiltà għal ksur tal-kompetizzjoni hija bbażata fuq il-fatt li dawk li lilhom huma indirizzati r-regoli tal-kompetizzjoni u dawk li lilhom huma indirizzati d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni mhumiex neċessarjament l-istess [22].

37. Fil-fatt, filwaqt li r-regoli tal-kompetizzjoni huma diretti lejn impriżi u japplikaw fir-rigward tagħhom direttament irrispettivament minn kif huma organizzati u n-natura ġuridika tagħhom [23], id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jissanzjonaw ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jistgħu jiġu diretti biss lil persuni, mhux l-inqas minħabba l-fatt li tali deċiżjonijiet iridu jiġu eżegwiti [24]. Għal din ir-raġuni, f'kull każ fejn awtorità tal-kompetizzjoni tissanzjona aġir antikompetittiv, tqum il-kwistjoni dwar l-imputazzjoni ta' dak il-ksur lil persuna speċifika [25].

38. Fl-għażla ta' kriterji għal imputazzjoni ta' ksur, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm in-natura sanzjonattiva tal-miżura imposta kif ukoll l-għan tagħha.

39. Il-konsegwenza tan-*natura sanzjonattiva* ta' miżuri imposti mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni biex jissanzjonaw ksur tal-kompetizzjoni — b'mod partikolari multi — hija li dan il-qasam huwa, minn tal-inqas, viċin id-dritt kriminali. Għalhekk, dak li huwa deċiżiv għall-imputazzjoni ta' responabbiltà għal ksur tal-kompetizzjoni huwa l-*prinċipju ta' responsabbiltà personali* [26], li huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-Istat ta' dritt u dak ta' delitt [27]. Responsabbiltà personali tfisser li, bħala prinċipju, aġir antikompetittiv għandu

22 — F'dan ir-rigward u fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Lulju 2007 fil-kawża ETI *et* (C-280/06, Ġabra p. I-10893, punti 68 sa 72).

23 — Sentenza ETI *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punti 38 u 43).

24 — Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 256 KE, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jimponu obbligu pekunjarju għandhom forza eżekuttiva. Filwaqt li l-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tat-Trattat ma fihiex riferiment ċar, minn numru ta' verżjonijiet lingwistiċi oħra jista' jiġi konkluż li "forza eżekuttiva" għandha tirreferi għall-eżegwibbiltà ta' deċiżjonijiet li huma adottati fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi; ara, pereżempju, il-verżjoni Franċiża ("personnes"), Taljana ("persone"), Ingliża ("persons"), Portugiża ("pessoas") u Spanjola ("personas") kif ukoll — partikolarment ċara — il-verżjoni Olandiża ("natuurlijke of rechtspersonen").

25 — F'dan ir-rigward huma partikolarment ċari s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Diċembru 1991, Enichem Anic vs Il-Kummissjoni (T-6/89, Ġabra p. II-1623, punt 236), u tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni ("PVC II", Kawżi maqgħuda T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabra p. II-931, punt 978); fl-istess sens ara s-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 60).

26 — Sentenzi tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punti 78 u 145), u ETI *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 39). Anki fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri l-prinċipju ta' responsabbiltà personali ġeneralment jikkostitwixxi l-punt tat-tluq biex jinstab li jkun hemm aġir antikompetittiv.

27 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer tal-11 ta' Frar 2003 fil-kawża Aalborg Portland vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, b'mod partikolari l-punti 63 sa 65). Il-prinċipju tat-tort jissemma wkoll, pereżempju, fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, li jgħid li tista' tiġi imposta multa għal aġir intenzjonali jew negliġenti.

jiġi attribwit lil dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jmexxu l-impriża li pparteċipat fl-akkordju [28]. Fi kliem ieħor il-prinċipal tal-impriża huwa responsabbli.

40. Fir-rigward tas-sens u tal-*għan* tal-miżuri imposti, għandu jiġi kkunsidrat li dawn huma intiżi għal implementazzjoni effikaċi tar-regoli tal-kompetizzjoni sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni [Artikolu 3 (1)(g) KE]; għalhekk, dawn għandhom jiskoraġġixxu lil operaturi ekonomiċi milli jwettqu ksur tal-kompetizzjoni [29].

41. It-teħid tar-responsabbiltà personali bħala punt ta' riferiment normalment isaħħaħ l-implementazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni, peress li l-persuna li tmexxi l-impriża għandha wkoll influwenza deċiżiva fuq il-komportament tagħha fis-suq; il-pressjoni tal-multi imposti għandha twassalha tbiddel l-aġir tagħha, b'tali mod li fil-futur l-impriża topera b'mod konformi mad-dritt tal-kompetizzjoni. Fl-istess ħin is-sanzjoni għandha effett deterrenti ġenerali peress li sservi wkoll sabiex tiskoraġġixxi lil parteċipanti ekonomiċi oħra milli jikkommettu ksur tal-kompetizzjoni.

42. Huwa minnu li l-kumplessità dejjem ikbar tal-istruttura organizzattiva tal-operaturi ekonomiċi tista' twassal għas-sitwazzjoni fejn impriża li tkun magħmula minn iktar minn kumpannija waħda u l-persuna fiżika jew legali responsabbli attwalment għal ksur tal-kompetizzjoni — mhijiex jew mhijiex biss — il-persuna li tidher minn barra li pparteċipat fl-akkordju. Iżda għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, id-distinzjoni formali bejn żewġ impriżi li tirriżulta mill-personalità ġuridika distinta tagħhom mhijiex determinanti, peress li l-kriterju deċiżiv huwa jekk dawn adottawx jew le aġir uniformi fis-suq [30].

43. Meta, pereżempju, fi ħdan struttura ta' grupp, kumpannija parent ikollha influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarji tagħha, li wħud minnhom — flimkien ma' terzi — ikunu diġà pparteċipaw f'akkordju, il-fatt li l-kumpanniji kollha tal-grupp li pparteċipaw fl-akkordju, flimkien mal-kumpannija parent, jinżammu responsabbli *in solidum* biex jiġi ssanzjonat l-aġir antikompetittiv huwa konformi mal-prinċipju ta' responsabbiltà personali u mal-għan ta' implementazzjoni effettiva tar-regoli tal-kompetizzjoni. Huwa biss b'dan il-mod li jista' jiġi żgurat li, meta jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta,

28 — F'dan is-sens, ara s-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, KNP BT vs Il-Kummissjoni (C-248/98 P, Ġabra p. I-9641, punt 71); Cascades vs Il-Kummissjoni (C-279/98 P, Ġabra p. I-9693, punt 78); Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni ('Stora' C-286/98 P, Ġabra p. I-9925, punt 37), u SCA Holding vs Il-Kummissjoni (C-297/98 P, Ġabra p. I-10101, punt 27); ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Mejju 1998, SCA Holding vs Il-Kummissjoni (T-327/94, Ġabra p. II-1373, punt 63).

29 — Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni (41/69, Ġabra p. 661, punt 173), li tgħid li s-sanzjonijiet għall-aġir antikompetittiv "għandhom l-iskop li jrażżnu aġir illegali kif ukoll li jipprevjenu li jiġi rripetut"; ara wkoll is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2007, Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, Ġabra p. I-4405, punt 22), u ETI *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punti 40 u 41). Fir-rigward tal-għan li jiġi pprevenut il-ksur fil-futur permezz tad-dissważjoni, ara wkoll is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2006, Showa Denko vs Il-Kummissjoni (C-289/04 P, Ġabra p. I-5859, punt 61), u SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-308/04 P, Ġabra p. I-5977, punt 37).

30 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio (C-217/05, Ġabra p. I-11987, punt 41).

is-saħħa ekonomika vera tal-impriża kollha kemm hi tittieħed inkunsiderazzjoni b'mod korrett u li l-infurzar b'suċċess tal-multa ma jiġix ipperikolat b'xi trasferimenti ta' assi bejn il-kumpannija parent u s-sussidjarji tagħha.

44. F'dan ir-rigward minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-aġir ta' sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent, b'mod partikolari meta s-sussidjarja, għalkemm għandha personalità ġuridika separata, ma tiddeterminax indipendentement l-aġir tagħha fis-suq imma essenzjalment teżegwixxi l-istruzzjonijiet li jingħatawlha mill-kumpannija parent [31].

45. Din hija preċiżament il-kwistjoni ewlenija f'din il-kawża. Jeħtieġ jiġi ċċarat jekk id-deċiżjoni li Akzo Nobel NV, bħala l-kumpannija parent, tinżamm responsabbli għal aġir antikompetittiv tas-sussidjarji tagħha hijiex iġġustifikata [32]. Minn naħa, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq rekwiżiti ta' prova żbaljati fir-rigward tal-influwenza deċiżiva ta' Akzo Nobel NV fil-konfront tas-sussidjarji tagħha (l-ewwel parti tal-aggravju) u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żball dwar is-suġġett ta' dik l-influwenza, peress li assumiet li r-rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u legali kollha bejn l-impriżi kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dan l-iskop, filwaqt li fil-verità għandha titqies biss il-politika kummerċjali f'sens strett (it-tieni parti tal-aggravju).

2. Ir-rekwiżiti tal-prova li kien hemm influwenza deċiżiva mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji tagħha (l-ewwel parti tal-aggravju)

46. L-ewwel parti tal-aggravju hija ddedikata għar-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jiġi pprovat li kien hemm influwenza deċiżiva mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji tagħha. L-appellanti jilmentaw li fil-punti 60 sa 62 tas-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat ir-rekwiżiti tal-prova li jirriżultaw mill-ġurisprudenza eżistenti.

47. L-ewwel nett, il-partijiet f'din il-kawża jaqblu li l-aġir antikompetittiv ta' kumpannija sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija

31 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1972, Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni ("ICI", 48/69, Ġabra p. 619, punti 132 sa 135), u Geigy vs Il-Kummissjoni ("Geigy", 52/69, Ġabra p. 787, punt 44), kif ukoll is-sentenza tal-21 ta' Frar 1973, Europemballage u Continental Can vs Il-Kummissjoni ("Continental Can", 6/72, Ġabra p. 215, punt 15); fl-istess sens, ara s-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Metsä-Serla *et* vs Il-Kummissjoni (C-294/98 P, Ġabra p. I-10065, punt 27); tat-2 ta' Ottubru 2003, Aristrain vs Il-Kummissjoni (C-196/99 P, Ġabra p. I-11005, punt 96); tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 117), u ETI *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 39 inkonnessjoni mal-punt 49).

32 — Il-problema marbuta mal-imputabbiltà ta' aġir antikompetittiv lis-suċċessur ekonomiku tal-parteċipant fl-akkordju (ara, pereżempju, f'dan ir-rigward ETI *et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2) mhijiex is-suġġett ta' din il-kawża u għalhekk mhux ser tiġi kkunsidrata iktar fid-dettall iktar 'il quddiem. Din il-kawża lanqas ma tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk u f'liema ċirkustanzi s-suċċessur ekonomiku huwa responsabbli għal dejn li jirriżulta minn multi imposti fuq il-predeċessur tiegħu.

parent jekk jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: l-ewwel nett, il-kumpannija parent għandha tkun f'pożizzjoni li jkollha influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarja tagħha u, it-tieni, għandha effettivament teżerċita dik l-influwenza [33].

48. Biex kumpannija parent *tkun f'pożizzjoni* li teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarja tagħha, għandu jkun hemm iktar minn sempliċi rabta ta' dipendenza ekonomika bejn is-sussidjarja u l-kumpannija parent [34]. Iżda f'din il-kawża mhuwiex meħtieġ li tiġi diskussa iktar fil-fond in-natura tar-rabta li għandu neċessarjament ikun hemm bejn iżżewġ kumpanniji għal dan l-iskop [35]. Fil-fatt, huwa fatt stabbilit li kumpannija parent hija fi kwalunkwe każ f'pożizzjoni li teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarja tagħha jekk — bħal Akzo Nobel NV f'din il-kawża — tikkontrollaha kollha [36], kemm permezz ta' ishma diretti jew indirettament permezz tal-ishma tagħha f'kumpanniji oħra.

49. Iżda min-naħa l-oħra, hemm nuqqas ta' qbil qawwi dwar ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jiġi pprovat l-*eżerċizzju effettiv tal-influwenza deċiżiva* min-naħa tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha. B'kuntrast mal-Kummissjoni, l-appellanti huma tal-fehma li imputazzjoni ta' responsabbilità taħt id-dritt tal-kompetizzjoni — għall-inqas f'din il-kawża — huwa biss possibbli jekk, flimkien mal-pussess tal-ishma kollha, hemm indikazzjonijiet speċifiċi li s-sussidjarja kienet fil-fatt influwenzata mill-kumpannija parent tagħha. Fi kliem sempliċi, jista' jingħad li, mill-perspettiva tal-appellanti, ir-rekwiżiti sabiex jiġi pprovat li kien hemm influwenza deċiżiva għandhom ikunu ekwivalenti għal "100 % + X".

50. Minix konvinta mill-argument tal-appellanti. Kif ser nispjega iktar 'il quddiem, dan mhuwiex sostnut mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-kuntrarju, skont din il-ġurisprudenza, hemm preżunzjoni *juris tantum* li kumpannija parent li tikkontrolla għal kollox is-sussidjarja tagħha teżerċita influwenza deċiżiva fuqha (ara s-sezzjoni (a) iktar 'il quddiem). Naħseb ukoll li ma hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed jitbiegħed minn din il-preżunzjoni u jeżiġi l-prova ta' "100 % + X" skont it-talbiet tal-appellanti (ara s-sezzjoni (b) iktar 'il quddiem).

33 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi ICI (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 137) u tal-25 ta' Ottubru 1983, AEG-Telefunken vs Il-Kummissjoni ("AEG", 107/82, Ġabra p. 3151, punt 50, l-ewwel sentenza).

34 — F'dan is-sens, ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 1979, BMW Belgium *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda 32/78 u 36/78 sa 82/78, Ġabra p. 2435, punt 24, it-tieni sentenza).

35 — Mill-ġurisprudenza jirriżulta li wieħed jista' jassumi li teżisti influwenza deċiżiva jew kontroll għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni anki jekk ikun hemm pussess ta' ishma ta' inqas minn 100 % (ara, pereżempju, is-sentenza ICI, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punti 136 u 137).

36 — Huwa biss fil-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi li xi kultant jiġu imposti rekwiżiti oħla, sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen (C-458/03, Ġabra p. I-8585, punti 64 *et seq*), u speċifikatament meta jkun meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk kienx hemm l-ħekk imsejħa operazzjoni "in-house". Kif spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi tal-1 ta' Marzu 2005 fil-kawża Parking Brixen (ara, b'mod partikolari, il-punti 75 u 76), nikkunsidra li dan l-approċċ huwa żbaljat. Minkejja dan, il-ġurisprudenza tal-"in-house", kif imfissra fis-sentenza Parking Brixen, xorta waħda ma tistax tiġi applikata fil-każ bħal dak preżenti. Fil-fatt, hija tirrigwarda varjetà partikolari ta' kontroll li huwa speċifikatament maħsub li jmur lil hinn mill-kontroll "normali" fis-sens tad-dritt tal-kumpanniji u tal-kompetizzjoni. L-awtorità kontraenti għandha teżerċita fuq l-entità li jingħatalha l-kuntratt kontroll "simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha".

a) Il-preżunzjoni *juris tantum* tal-eżerċizzju ta' influwenza deċiżiva fejn il-kumpannija parent jkollha l-pussess tal-ishma kollha tas-sussidjarja

51. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hemm *preżunzjoni* li kumpannija parent effettivament teżerċita influwenza deċiżiva fuq sussidjarja li tkun kompletament tagħha.

52. Għalhekk, diġà mis-sentenza AEG jirriżulta li, fil-kuntest tal-imputabbiltà ta' aġir antikompetittiv fi ħdan grupp, huwa inutli li jiġi vverifikat jekk kumpannija parent użatx il-poter li tinfluwenza b'mod determinanti l-politika ta' distribuzzjoni u tal-prezzijiet ta' sussidjarja li hija 100 % proprjetà tagħha inkwantu — skont il-Qorti tal-Ġustizzja — sussidjarja kkontrollata 100 % issegwi "neċessarjament il-politika stabbilita mill-organi statutarji tagħha" li jistabbilixxu l-politika tal-kumpannija parent [37].

53. Is-sentenza Stora kkonsolidat l-imsemmija ġurisprudenza. Din is-sentenza tiddikjara li meta kumpannija parent jkollha l-ishma kollha tas-sussidjarja tagħha, wieħed jista' ġustament jassumi li l-kumpannija parent fil-fatt teżerċita influwenza deċiżiva fuq l-aġir ta' dik is-sussidjarja [38].

54. Il-fatt li din hija preżunzjoni *juris tantum* jirriżulta wkoll mis-sentenza Stora. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'din il-kawża, kienet il-kumpannija parent (bħala l-appellanti) li kellha tirribatti l-preżunzjoni li kienet qed tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva billi ġġib provi xierqa [39].

55. Minkejja dan, l-appellanti, billi jirreferu għall-punti 28 u 29 tas-sentenza Stora, qed jipprovaw jispjegaw li f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja llimitat il-validità tar-regola tal-preżunzjoni u rrendiet iktar stretti r-rekwiżiti sabiex l-aġir ta' sussidjarja jkun jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent. Is-silta rilevanti ta' dik is-sentenza tgħid hekk:

"28 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ddeċidietx li l-pussess tal-ishma kollha fih innifsu kien biżżejjed biex jiġi deċiż li l-kumpannija parent kienet responsabbli. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha wkoll fuq il-fatt li l-appellanti ma kinitx ikkontestat li kienet f'pożizzjoni li teżerċita influwenza deċiżiva fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja tagħha u, barra minn dan, lanqas ma pproduċiet provi insostenn taddikjarazzjonijiet tagħha dwar l-awtonomija tal imsemmija sussidjarja.

37 — Sentenza AEG (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33, punt 50).

38 — Sentenza Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 29, it-tieni sentenza).

39 — Sentenza Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punti 28 u 29, l-aħħar sentenza tat-tnejn).

29 Huwa tant ieħor skorrett li jingħad li l-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk poġġiet fuq l-appellanti l-oneru li tipprova li s-sussidjarja tagħha kienet aġixxiet indipendentement. Fil-fatt, peress li l-appellanti kellha l-kapital kollu tas-sussidjarja, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet ġustament tassumi, kif osservat il-Kummissjoni, li l-kumpannija parent kienet fil-fatt teżerċita influwenza determinati fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha, b'mod partikolari wara li kkonstatat […] li matul il-proċedura amministrattiva l-appellanti kienet ippreżentat ruħha, 'f'dak li jirrigwarda l-kumpanniji tal-grupp Stora, bħala l-unika interlokutriċi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ksur inkwistjoni'. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kienet l-appellanti li kellha tikkonfuta din il-preżunzjoni permezz ta' provi xierqa". [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

56. Kuntrarjament għal dak li jgħidu l-appellanti, ma jirriżultax mis-silta tas-sentenza Stora li l-Qorti tal-Ġustizzja ma komplietx issegwi l-ġurisprudenza preċedenti tagħha u rrendiet iktar stretti r-rekwiżiti għall-imputazzjoni tar-responsabbiltà fid-dritt tal-kompetizzjoni bejn il-kumpanniji parent u sussidjarji.

57. Huwa veru li f'dan il-każ il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, meta kienet qed teżamina d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-Qorti tal-Prim'Istanza "ma qisitx li l-pussess ta' 100 % tal-ishma fih innifsu kien biżżejjed biex jiġi deċiż li l-kumpannija parent kienet responsabbli" [40]. Iżda, ma jistax jiġi konkluż minn din id-dikjarazzjoni li hija l-*awtorità tal-kompetizzjoni*, *ex officio*, li għandha ġġib provi li ġiet eżerċitata influwenza mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarja proprjetà assoluta tagħha biex ikun jista' jiġi imputat lill-kumpannija parent ksur tal-kompetizzjoni mwettaq mis-sussidjarja. Għall-kuntrarju, dan il-kliem fis-sentenza Stora sempliċiment jagħmilha ċara li hija *l-kumpannija parent* fil-każ inkwistjoni tista' tikkontesta l-eżerċizzju tal-influwenza deċiżiva billi tipproduċi provi biex jipprovaw il-kontra u b'hekk titwarrab il-preżunzjoni tal-eżerċizzju tal-influwenza li teżisti meta jkun hemm il-pussess ta' 100 % tal-ishma.

58. Dan isir ċar ħafna meta wieħed jaqra l-osservazzjonijiet sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fi Stora. Jingħad b'mod ċar li l-Qorti tal-Prim'Istanza, "billi l-appellanti kellha l-ishma kollha tas-sussidjarja […] setgħet tippreżumi b'mod leġittimu […] li l-kumpannija parent fil-fatt eżerċitat influwenza determinati fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha" u li kienet l-appellanti — jiġifieri l-kumpannija parent — "li kellha twarrab dik il-preżunzjoni permezz ta' provi xierqa" [41].

59. Il-fatt li fil-kawża Stora l-kumpannija parent tal-Grupp Stora ppreżentat lilha nnifisha bħala li kienet l-uniku interlokutriċi tal-Kummissjoni, ma għandux jiġi interpretat bħala restrizzjoni tar-regola ta' preżunzjoni. Huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja, bħall-Qorti tal-Prim'Istanza qabilha, tenfasizza dan il-fatt

40 — Sentenza Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 28).

41 — Sentenza Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 29).

fis-sentenza tagħha [42]. Madankollu, bl-użu talkelma introduttorja "b'mod partikolari", huwa ċar li r-rappreżentanza unika tal-grupp Stora mill-kumpannija parent matul il-proċedura amministrattiva kienet ikkunsidrata sempliċiment bħala fattur addizzjonali li ma jirrestriġix il-preżunzjoni tal-eżerċizzju tal-influwenza deċiżiva, li fi kwalunkwe każ teżisti, imma li jista' jsaħħaħha wkoll [43].

60. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Stora bl-ebda mod ma tistabbilixxi kundizzjonijiet oħra flimkien mal-pussess ta' 100 % tal-ishma għall-applikabbiltà tarregola tal-preżunzjoni. Dan huwa evidenti wkoll minn paragun mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo f'din il-kawża, fejn ikkunsidra li l-pussess ta' 100 % tal-ishma ma kienx biżżejjed bħala bażi għall-imputazzjoni tal-aġir tal-kumpannija parent, imma kien jeħtieġ ukoll "prova supplimentari" [44]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx il-fehma tiegħu fis-sentenza Stora.

61. Għalhekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kompliet issegwi l-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja billi bbażat is-sentenza appellata tagħha fuq preżunzjoni *juris tantum* li kumpannija parent li jkollha 100 % tal-ishma tas-sussidjarja tagħha teżerċita influwenza deċiżiva fuq l-aġir tagħha [45]. Għaldaqstant is-sottomissjonijiet kuntrarji tal-appellanti huma mingħajr bażi.

b) L-ebda raġuni biex jiġu ristretti r-rekwiżiti għall-imputazzjoni tar-responsabbiltà taħt id-dritt tal-kompetizzjoni bejn kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha

62. Jibqa' biex jiġi kkunsidrat jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex tara dan il-każ bħala okkażjoni biex tgħolli l-grad ta' prova għall-"100 % u X" kif qed isostnu l-appellanti. Din id-diskussjoni tidher neċessarja wkoll speċjalment fid-dawl tal-ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti tal-Prim'Istanza; f'dan is-sens b'mod partikolari għandu jsir riferiment għas-sentenzi DaimlerChrysler [46] u Bolloré [47], li ċċitaw l-appellanti biex isostnu l-argument tagħhom.

63. Ngħid mal-ewwel li s-sentenzi DaimlerChrysler u Bolloré tal-Qorti tal-Prim'Is-

42 — Sentenza Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 29).

43 — F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Frar 2002, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (T-354/94, Ġabra p. II-843, punt 68, l-aħħar sentenza).

44 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo tat-18 ta' Mejju 2000 fil-kawża Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punti 40, l-aħħar sentenza, u 48).

45 — Punti 60 sa 62 tas-sentenza appellata.

46 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Settembru 2005, DaimlerChrysler vs Il-Kummissjoni ("DaimlerChrysler", T-325/01, Ġabra p. II-3319, punt 219); din is-sentenza hija *res iudicata*.

47 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' April 2007, Bolloré vs Il-Kummissjoni ("Bolloré", Kawżi maqgħuda T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02 u T-129/02, T-132/02 u T-136/02, Ġabra p. II-947, punt 132). Din is-sentenza hija attwalment is-suġġett ta' tliet appelli pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, madankollu, ma jirrigwardawx il-kriterji ta' imputabbiltà ta' aġir antikompetittiv bejn kumpannija parent u sussidjarja; fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' April 2009 fil-kawża Papierfabrik August Koehler *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, Ġabra p. I-7191) l-Avukat Ġenerali Bot jissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla parzjalment is-sentenza Bolloré.

tanza — kuntrarjament għal dak li qed igħidu l-appellanti — bl-ebda mod ma jmorru fl-istess direzzjoni.

64. L-ewwel nett, fir-rigward tas-sentenza DaimlerChrysler, il-Qorti tal-Prim'Istanza tidher — tal-anqas wara analiżi superfiċjali — li ma tikkunsidrax il-pussess ta' 100 % tal-ishma tal-kumpannija parent fis-sussidjarja tagħha bħala suffiċjenti u teżiġi iktar provi tal-eżerċizzju tal-influwenza deċiżiva. Fil-fatt tgħid li "[…] il-pussess ta' 100 % tal-kapital waħdu ma jippermettix li wieħed jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-kumpannija *parent* […]" [48]. Iżda, minnufih wara dik id-dikjarazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza tagħmilha ċara li: "[…] fil-preżenza tal-pussess tat-totalità tal-kapital tas-sussidjarja, il-Kummissjoni tista' tissupponi b'mod leġittimu li l-kumpannija *parent* teżerċita effettivament influwenza determinanti fuq l-imġiba tas-sussidjarja tagħha […]" [49]. Barra minn hekk il-Qorti tal-Prim'Istanza tenfasizza li f'din il-kawża, kienet il-kumpannija parent li kellha twarrab il-preżunzjoni abbażi ta' provi xierqa [50].

65. Il-fatt li l-kumpannija parent ppreżentat lilha nnifisha fil-proċedura amministrattiva bħala l-unika interlokutriċi tal-kumpanniji fil-grupp huwa — kif jindika b'mod ċar il-kliem introduttiv "b'mod partikolari" — ikkunsidrat sempliċiment bħala fattur addizzjonali li ma jirrestrinġix il-preżunzjoni li diġà teżisti tal-eżerċizzju ta' influwenza deċiżiva, imma bil-kontra ssaħħaħha [51].

66. Għalhekk, kuntrarjament għall-ewwel impressjoni, fis-sentenza DaimlerChrysler il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tmurx kontra l-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza AEG u Stora. Għall-kuntrarju, fis-sentenza DaimlerChrysler — kif ukoll f'ċerti sentenzi oħra wkoll [52] — il-Qorti tal-Prim'Istanza ssegwi s-sentenzi AEG u Stora mill-qrib u tapplika biss il-preżunzjoni *juris tantum* tal-eżerċizzju tal-influwenza deċiżiva rrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja. Bl-ebda mod ma tgħolli l-grad ta' prova skont il-formula "100 % u X".

67. Min-naħa l-oħra, fil-kawża Bolloré s-sitwazzjoni kienet bil-kontra. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza tgħid: "prova dwar id-detenzjoni tal-kapital kollu tal-kumpannija sussidjarja, għalkemm tikkostitwixxi indikazzjoni konvinċenti ta' l-eżistenza, fil-konfront tal-kumpannija parent, ta' setgħa influwenti determinanti fuq l-aġir tal-kumpannija sussidjarja fis-suq, mhijiex, fiha nnifisha, biżżejjed biex tippermetti li r-responsabbiltà għall-aġir tas-sussidjarja tiġi attribwita lill-kumpannija parent […]. Tibqa' l-ħtieġa li tiġi

48 — Sentenza DaimlerChrysler (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punt 219).

49 — Sentenza DaimlerChrysler (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punt 219).

50 — Sentenza DaimlerChrysler (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punt 219, [fil-verità punt 220, Nota tat-Traduttur]).

51 — Sentenza DaimlerChrysler (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punt 219, l-aħħar parti tas-sentenza).

52 — Sentenzi tal-1 ta' April 1993, BPB Industries u British Gypsum vs Il-Kummissjoni (T-65/89, Ġabra p. II-389, punt 149); tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabra p. II-931, punti 961, 984 u 985); tat-30 ta' Settembru 2003, Michelin vs Il-Kummissjoni (T-203/01, Ġabra p. II-4071, punt 290) u tas-27 ta' Settembru 2006, Akzo Nobel vs Il-Kummissjoni (T-330/01, Ġabra p. II-3389, punti 81 sa 83), Avebe vs Il-Kummissjoni (T-314/01, Ġabra p. II-3085, punt 136), u tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (T-43/02, Ġabra p. II-3435, punt 125).

prodotta prova supplimentari fir-rigward ta' l-ammont ta' parteċipazzjoni, iżda dan jista' jiġi jsir permezz ta' indizji" [53].

68. B'dawn id-dikjarazzjonijiet f'Bolloré, il-Qorti tal-Prim'Istanza abbandunat il-kuntest indikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi AEG u Stora [54]. Minflok, u b'differenza mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza segwiet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fi Stora u tiċċitaha espressament. Is-sejħa għal "prova supplimentari fir-rigward ta' l-ammont ta' parteċipazzjoni", li tista' tkun fil-forma ta' indizji, fl-aħħar mill-aħħar ġiet minn dawk il-konklużjonijiet [55]. Fl-osservazzjonijiet sussegwenti tagħha fis-sentenza Bolloré, il-Qorti tal-Prim'Istanza teżamina diversi fatti u ċirkustanzi biex tistabbilixxi jekk hemmx indizji favur jew kontra influwenza deċiżiva minnaħa ta' Bolloré fuq is-sussidjarja tagħha, billi tibda kemm mir-riżultanzi tal-Kummissjoni fil-proċedura amministrattiva kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-proċeduri ġudizzjarji [56]. Għaldaqstant fis-sentenza Bolloré l-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet ir-rekwiżiti dwar il-prova li ġiet eżerċitata l-influwenza deċiżiva mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha skont ir-regola "100 % u X".

69. Ma nemminx li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tadotta l-fehma legali tal-Qorti tal-Prim'Istanza kif espressa f'Bolloré. Jekk, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza riedet biss tkompli mal-ġurisprudenza eżistenti, hija naqset milli toqgħod mal-qafas stabbilit fil-Qorti tal-Ġustizzja f'AEG u Stora [57] u ċajpret id-distinzjoni bejn l-eżistenza ta' kontroll u l-eżerċizzju attwali tagħha [58]. Jekk, min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha l-intenzjoni li tmur lil hinn mil-limiti tal-ġurisprudenza ta' qabel, naqset li ssemmi l-motivi għal dan.

70. Barra minn hekk, ma nista' nara l-ebda raġuni konvinċenti biex jiżdiedu r-rekwiżiti għal "100 % u X".

71. L-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni jeħtieġ regoli ċari. Regola ta' preżunzjoni bħal dik irrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi AEG u Stora, li tippermetti lill-Kummissjoni — bħala l-awtorità tal-kompetizzjoni — li timputa lill-kumpannija parent r-responsabbiltà għall-ksur tal-kompetizzjoni tas-sussidjarji li tagħhom hija proprjetarja, toħloq iċ-ċertezza legali u hija faċli li tiġi implementata fil-prattika.

72. B'mod ġenerali, ir-regoli fuq il-preżunzjoni bl-ebda mod ma jista' jingħad li mhumiex magħrufin fid-dritt tal-kompetizzjoni [59].

53 — Sentenza Bolloré (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 132).

54 — Ara l-punti 51 sa 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Stora (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 48).

56 — Sentenza Bolloré (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punti 133 sa 150).

57 — Ara l-punti 51 sa 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 — Ara l-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

59 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punti 121 u 126), tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls vs Il-Kummissjoni (C-199/92 P, Ġabra p. I-4287, punti 162 u 167), u Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 81).

Għall-kuntrarju, il-karatteristiċi tal-provi mressqin bħala prova tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jfissru li hija l-awtorità jew it-terz li fuqhom jaqa' l-oneru tal-prova li għandhom jiġbdu ċerti konklużjonijiet minn sensiela ta' ġrajjiet tipiċi abbażi tal-esperjenza komuni [60].

73. Meta, fi grupp ta' impriżi, il-kumpannija parent tippossjedi 100 % tal-ishma fis-sussidjarja tagħha, il-kumpannija parent tkun — kif intqal diġà [61] — f'pożizzjoni li teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarja tagħha. Fil-fatt, imbagħad ikollha d-dritt esklużiv li taħtar membri tal-korpi tal-amministrazzjoni u mhijiex ħaġa barra min-normali li jkun hemm interkonnessjonijiet personali bejn iż-żewġ kumpanniji. Barra minn hekk, isegwi mill-pussess ta' 100 % tal-ishma li l-interessi ta' azzjonisti oħra ma jistax ikollhom xi rwol fid-deċiżjonijiet strateġiċi jew fl-affarijiet ta' kuljum tas-sussidjarja. Għalhekk jikkoinċidu kompletament l-interessi bejn il-kumpannija parent u s-sussidjarja proprjetà kompleta tagħha. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-konklużjoni ovvja hija li s-sussidjarja ma tiddeterminax l-aġir tagħha fis-suq indipendentement, imma skont ix-xewqat tal-kumpannija parent [62].

74. Meta wieħed jirrikorri għar-regola ta' preżunzjoni bħal din ma jkunx hemm inversjoni tal-oneru tal-prova li tkun inkompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza [63]. Ikun biss qed jiġi stabbilit *il-grad tal-prova* [64] li għandu jiġi sodisfatt meta tiġi imputata responsabbiltà taħt il-liġi tal-kompetizzjoni bejn kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha. Billi l-kumpannija parent għandha 100 % tal-ishma tas-sussidjarja tagħha, *prima facie* dan isaħħaħ il-konklużjoni li fil-fatt l-influwenza deċiżiva qed tiġi eżerċitata, u hija l-kumpannija parent li għandha tirribatti din il-konklużjoni billi tressaq provi persważivi li jgħidu l-kontra; jekk dan ma jseħħx, din il-konklużjoni tkun suffiċjenti biex l-oneru tal-prova jiġi sodisfatt [65]. Fi kliem ieħor, hemm interazzjoni bejn il-piżijiet rispettiv li jinġiebu l-provi qabel ma jiġi kkunsidrat l-oneru tal-prova oġġettiv [66].

60 — Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tiegħi tad-19 ta' Frar 2009 fil-kawża T-Mobile Netherlands *et* [C-8/08, pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, punt 89 (mhux 88, Nota tat-traduttur.)].

61 — Ara l- punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

62 — F'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Warner tat-22 ta' Jannar 1974 fil-kawża Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda 6/73 u 7/73, Ġabra p. 223, 266).

63 — Fuq il-preżunzjoni tal-innoċenza, ara l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iffirmata f'Ruma l-4 ta' Novembru 1950) u l-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ippproklamata għall-ewwel darba f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, ĠU 2000, C 364, p. 1; ippproklamata mill-ġdid fi-Strassburgu fit-12 ta' Diċembru 2007, ĠU 2007, C 303, p. 1), li minkejja li bħalissa ma għandhomx effetti legali vinkolanti paragunabbli ma' dawk tad-dritt primarju, madankollu jistgħu jintużaw bħala sors ġuridiku ta' riferiment.

64 — Il-*grad tal-prova* jiddetermina r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti biex il-fatti jitqiesu li ġew ippruvati. Għandha ssir distinzjoni bejn dan u l-*oneru tal-prova*. *L-oneru tal-prova* jiddetermina, l-ewwel nett, liema parti għandha tippreżenta u, meta jkun meħtieġ, tipprova l-fatti (oneru tal-prova *suġġettiv jew formali*, magħruf ukoll bħala l-oneru tal-produzzjoni tal-prova); it-tieni nett, fuq min jaqa' dan l-oneru jiddetermina liema parti jkollha r-riskju li l-fatti jibqgħu bla soluzzjoni jew li allegazzjonijiet ma jiġux ippruvati (*oneru tal-prova oġġettiv* jew *sostantiv*). Ara wkoll l-analiżi tiegħi f'Kokott, *Beweislastverteilung und Prognoseentscheidungen bei der Inanspruchnahme von Grund- und Menschenrechten*, Berlin/Heidelberg 1993, p. 12 *et seq.*

65 — Fl-istess sens — għalkemm f'kuntest kemmxejn differenti — ara s-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 79), u tat-13 ta' Lulju 1989, Lucazeau *et* (Kawżi maqgħuda 110/88, 241/88 u 242/88, Ġabra p. 2811, punt 25).

66 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-8 ta' Diċembru 2005 fil-kawża Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punt 73) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża T-Mobile Netherlands (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60, punt 89).

75. L-interessi tal-kumpannija parent ma jiġux imtellfin minn regola fuq il-preżunzjoni bħal dik eżaminata hawnhekk. Il-kumpannija parent tista' tirribatti, fil-każ partikolari, il-preżunzjoni li kien hemm influwenza deċiżiva, skont il-konklużjonijiet li jiġu mill-esperjenza, billi turi li qagħdet lura milli tinfluwenza l-aġir fis-suq tas-sussidjarja tagħha [67]. Il-fatti u l-informazzjoni li huma meħtieġa għal dak l-iskop jiġu mingħajr dubju mill-isfera, fi ħdan l-impriża, tal-kumpannija parent u tas-sussidjarja. Għalhekk huwa perfettament iġġustifikat li l-oneru tal-prova jitpoġġa fuqhom f'dan ir-rigward.

76. F'dan il-kuntest il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistabbilixxi li, fil-każ li l-kumpannija parent ikollha 100 % tal-ishma tas-sussidjarja tagħha, ikun preżunt, ħlief għal prova kuntrarja, li hija teżerċita fuq is-sussidjarja influwenza deċiżiva.

c) Affarijiet oħra

77. Fl-aħħar ser nikkunsidra żewġ ilmenti li qajmu l-appellanti dwar il-prova tal-eżistenza jew in-nuqqas ta' awtonomija ta' kumpannija sussidjarja li tkun 100 % proprjetà tal-kumpannija parent tagħha.

78. L-ewwel nett l-appellanti jissottomettu li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tirrispetta r-rekwiżiti tad-drittijiet tad-difiża fir-rigward tal-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni. Huma jgħidu li skont dawn ir-rekwiżiti hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-provi, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha, dwar in-nuqqas ta' awtonomija tal-kumpannija sussidjarja. Madankollu, f'din il-kawża l-Kummissjoni ttrattat din il-kwistjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

79. Jekk wieħed jitlaq, kif issuġġerejt, mill-preżunzjoni li kumpannija ewlenija teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarja tagħha li hija jkollha 100 %, dan l-ilment ma jkunx fondat. Din il-preżunzjoni fil-fatt teħles lill-Kummissjoni mill-obbligu li tressaq provi tan-nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja tagħha li hija jkollha 100 % jew li tisma' l-fehmiet tal-partijiet fil-kawża fuq din il-kwistjoni.

80. Il-Kummissjoni hija meħtieġa sempliċiment li tindika b'mod inekwivoku fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet il-persuna legali li fuqha jistgħu jiġu imposti l-multi, u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet trid tkun indirizzata lil dik il-persuna wkoll [68]. Biex tiġi

67 — Il-Kummissjoni tiċċita korrettament, f'dan ir-rigward, l-eżempji segwenti: a) il-kumpannija parent hija kumpannija ta' investiment u taġixxi sempliċiment bħala investitur finanzjarju, (b) il-kumpannija parent għandha 100 % tal-ishma fil-kumpannija sussidjarja biss temporanjament u għal perijodu qasir, (ċ) il-kumpannija parent għal raġunijiet legali ma tistax teżerċita 100 % il-kontroll fuq is-sussidjarja; ara wkoll l-eżempji ċċitati mill-Avukat Ġenerali Warner fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Commercial Solvents (konklużjonijiet iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 62).

68 — Sentenza tas-16 ta' Marzu 2000, Compagnie maritime belge transports *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda C-395/96 P u C-396/96 P, Ġabra p. I-1365, punti 143 u 146); tat-2 ta' Ottubru 2003, ARBED vs Il-Kummissjoni (C-176/99 P, Ġabra p. I-10687, punt 21), u Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 60).

stabbilita r-responsabbiltà ta' kumpannija parent għall-ksur tal-kompetizzjoni tas-sussidjarja li hija tipposjedi 100 %, bħala prinċipju jkun biżżejjed għall-Kummissjoni li ssemmi l-istruttura tal-ishma fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

81. Hija mbagħad il-kumpannija parent li għandha tirribatti l-preżunzjoni tal-eżerċizzju tad-influwenza deċiżiva billi ġġib provi konvinċenti kuntrarji. Meta ma tkunx ġabet diġà provi matul l-investigazzjoni, ikollha l-opportunità li tagħmel hekk fir-risposta bil-miktub għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u matul trattazzjoni orali eventwali. Imbagħad, il-Kummissjoni tevalwa dawn il-provi u, f'dan l-isfond, tirrevedi l-konklużjonijiet provviżorji li tkun ġibdet fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet [69].

82. Ma hemmx dubju li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti f'din il-kawża.

83. It-tieni nett, l-appellanti jikkritikaw id-dikjarazzjoni mill-Qorti tal-Prim'Istanza li l-kumpannija parent tista' tinstab responsabbli *in solidum* jekk ma tipprovax li s-sussidjarja tagħha "essenzjalment ma tapplikax id-direttivi maħruġin minnha u taġixxi, għaldaqstant, b'mod awtonomu fis-suq" [70]. Huma jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk tirrestringi illegalment il-possibbiltà li jinġiebu l-provi kuntrarji biss għal każijiet fejn il-kumpannija parent tkun ħarġet struzzjonijiet lis-sussidjarja u dawn ma twettqux.

84. Lanqas dan l-argument mhuwa konvinċenti. Huwa bbażat fuq qari manifestament żbaljat tas-sentenza appellata li jieħu barra mill-kuntest tagħha parti minn sentenza — li oġġettivament hija ambigwa — fil-motivazzjoni tas-sentenza. Jekk jiġu kkunsidrati l-bqija tal-motivi tas-sentenza appellata, jirriżulta biżżejjed ċar li l-Qorti tal-Prim'Istanza tippermetti li jinġiebu mill-kumpannija parent il-provi kuntrarji kollha "li jistgħu jipprovaw l-awtonomija ta' din ta' l-aħħar" [71]. Dan jinkludi wkoll każijiet fejn il-kumpannija parent ma tkun tat l-ebda struzzjoni lis-sussidjarja tagħha.

d) Konklużjoni provviżorja

85. Fid-dawl tal-konklużjonijiet li saru iktar 'il fuq, l-ewwel kap tal-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

69 — Sentenzi tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi maqgħuda 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 14); Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 67); tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, punt 62), u tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, Ġabra p. I-4951), punt 63).

70 — Punt 62 tas-sentenza appellata.

71 — L-aħħar sentenza tal-punt 60, tas-sentenza appellata.

3. Is-suġġett tal-influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent (it-tieni kap tal-aggravju)

86. Bit-tieni kap tal-aggravju, l-appellanti joġġezzjonaw kontra l-punti 64 u 65 tas-sentenza appellata. Huma jargumentaw li f'dawn il-punti l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball dwar is-suġġett tal-influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha sabiex tiġġustifika l-imputazzjoni tar-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv mis-sussidjarja. Fil-fehma tal-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi b'mod żbaljat għar-"rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u ġuridiċi kollha" bejn il-kumpannija parent u s-sussidjarja. Il-pożizzjoni korretta hija li l-uniku kriterju rilevanti huwa l-eżerċizzju ta' influwenza fuq il-*politika kummerċjali f'sens strett*, jiġifieri, fuq id-determinazzjoni tal-aġir fis-suq tas-sussidjarja.

87. Għandu jiġi nnotat f'dan ir-rigward li n-nuqqas ta' awtonomija tas-sussidjarja fir-rigward tal-aġir tagħha fis-suq huwa biss fattur wieħed ta' konnessjoni kif tista' tiġi imputata r-responsabbiltà lill-kumpannija parent. Iżda mhux l-uniku fattur ta' konnessjoni għaliex, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imputazzjoni tal-aġir lill-kumpannija parent hija possibbli "b'mod partikolari" meta s-sussidjarja, għalkemm ikollha personalità ġuridika distinta, ma tiddeċidix awtonomament fuq l-aġir tagħha [72]. Ġà din iċ-ċirkustanza biss tmur kontra l-fehma tal-appellanti li tgħid li l-uniku fattur rilevanti fl-imputazzjoni tal-aġir antikompetittiv huwa x'influwenza għandha l-kumpannija parent fuq il-kumpannija sussidjarja fir-rigward tal-politika kummerċjali tagħha f'sens strett.

88. F'livell ġenerali, huwa dejjem possibbli li jiġi imputat aġir bejn il-kumpannija parent u l-kumpannija sussidjarja meta t-tnejn ikunu jikkostitwixxu *entità ekonomika waħda*, jiġifieri fejn ikollhom jitqiesu li huma *impriża waħda*; fi kliem ieħor, ir-responsabbiltà ta' aġir antikompetittiv tiġi imputata lill-kumpannija parent "minħabba l-unità tal-grupp hekk ifformat" [73].

89. Madankollu, anki jekk tiġi eżaminata l-awtonomija tal-kumpannija sussidjarja fir-rigward tal-politika kummerċjali tagħha fis-sens strett, l-influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent ma għandhiex għalfejn tirriżulta bilfors minn istruzzjonijiet speċifiċi, linji gwida jew drittijiet ta' kodeterminazzjoni fir-rigward tal-prezzijiet, attivitajiet ta' produzzjoni u bejgħ jew aspetti simili essenzjali għall-aġir fis-suq. Dawn l-istruzzjonijiet huma sempliċiment indikazzjoni ċara ħafna tal-eżistenza tal-influwenza deċiżiva tal-kumpannija parent fuq il-politika kummerċjali tas-sussidjarja tagħha [74]. Madankollu, l-awtonomija tas-sussidjarja ma tistax tirriżulta bilfors min-nuqqas tagħhom.

72 — Sentenzi ICI (punt 133), Geigy (punt 44) u Continental Can (punt 15), iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31.

73 — Ara s-sentenzi ICI (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punti 132 u 133) u Geigy (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 44).

74 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi ICI (punti 137 u 138) u Geigy (punt 45), iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31.

90. Lanqas, *a fortiori*, ma jista' jingħad l-istess fuq jekk il-kumpannija prinċipali tkunx indaħlet fl-affarijiet ta' kuljum tas-sussidjarja tagħha, jew ukoll, jekk l-attivitajiet antikompetittivi li tkun wettqet is-sussidjarja kinux imputabbli għal struzzjoni mill-kumpannija parent jew magħrufa minnha [75].

91. Kumpannija parent tista' għaldaqstant teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarji tagħha anki meta ma tagħmilx użu minn drittijiet attwali ta' kodeterminazzjoni u ma tagħtix struzzjonijiet speċifiċi jew linji gwida fuq elementi individwali ta' politika kummerċjali. Għalhekk, politika kummerċjali unika fi grupp tista' tirriżulta *indirettament* mit-totalità tar-rabtiet ekonomiċi u legali bejn kumpannija parent u kumpannija sussidjarji tagħha [76]. Bil-kontra, in-nuqqas ta' din il-politika kummerċjali unika bejn il-kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha tista' tiġi stabbilita biss fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-rabtiet ekonomiċi u legali kollha li jeżistu bejniethom [77].

92. Pereżempju, l-influwenza tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarji tagħha fir-rigward tal-istrateġija korporattiva, il-politika operattiva, il-pjanijiet tan-negozju, l-investiment, il-kapaċità, l-għoti ta' finanzi, riżorsi umani u kwistjonijiet legali jista' jkollha effetti indiretti fuq l-aġir fis-suq tas-sussidjarji u tal-grupp kollu. Barra minn hekk, kif tindika ġustament il-Kummissjoni, anki s-sempliċi sħubija ta' kumpannija fi grupp tista' tinfluwenza l-aġir fis-suq tagħha fir-rigward, pereżempju, tal-kwistjoni ta' ma' min il-kumpannija trid tikkompeti attivament.

93. Fl-aħħar nett, il-fattur deċiżiv huwa jekk il-kumpannija parent, minħabba l-intensità tal-influwenza tagħha, tistax tidderieġi l-aġir tas-sussidjarja tagħha b'mod li t-tnejn ikollhom jitqiesu li huma unità ekonomika waħda.

94. Għaldaqstant, billi r-relazzjoni ġenerali tal-kumpannija mas-sussidjarja hija determinanti, fil-punt 65 tas-sentenza appellata l-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat ġustament l-importanza tar-"rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u ġuridiċi" li hemm bejniethom iktar milli llimitat ruħha biss għall-politika kummerċjali fis-sens strett.

95. L-appellanti joġġezzjonaw li dan l-approċċ jammonta għall-introduzzjoni ta' sistema ta' responsabbiltà oġġettiva ("strict liability") tal-kumpannija parent ta' grupp għall-aġir antikompetittiv tas-sussidjarji

75 — F'dan ir-rigward il-verżjoni Ingliża tas-sentenza ICI (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 133) tista' tagħti lok għal malintiż. Il-kliem li tuża "in all material respects" jista' fil-fatt jiġi interpretat fis-sens li s-sussidjarja għandha teżegwixxi l-istruzzjonijiet *f'kull dettall.* Il-fatt li dan mhuwiex dak li riedet tgħid il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta mal-ewwel daqqa ta' għajn mill-verżjoni tas-sentenza fil-lingwa Olandiża, li hija l-verżjoni awtentika ("in hoofdzaak"), kif ukoll jekk tiġi pparagunata l-verżjoni Franċiża, il-lingwa li fiha ġiet ittrattata l-kawża ("pour l'essentiel").

76 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod partikolari dawn ir-rabtiet ekonomiċi u legali fil-ġurisprudenza l-iktar reċenti tagħha; ara s-sentenzi Metsä-Serla *et* vs Il Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 27); Aristrain vs Il Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 96), u Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 117); ara ukoll is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, ETI *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 49).

77 — Huwa ċar li f'dan il-kuntest il-personalità legali distinta tal-kumpannija sussidjarja mhijiex deċiżiva, hekk kif mhijiex deċiżiva s-sempliċi ċirkustanza li għandhom il-korpi tagħha (ara f'dan ir-rigward, is-sentenzi ICI, punt 132, Geigy, punt 44, u Continental Can, punt 15, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31).

tagħha, ħaġa li tmur kontra l-prinċipju ta' responsabbiltà personali.

96. Dan l-argument mhuwiex konvinċenti.

97. Il-fatt li kumpannija parent ta' grupp li teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarji tagħha tista' tkun responsabbli *in solidum* għall-aġir antikompetittiv tagħhom bl-ebda mod ma jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju ta' responsabbiltà personali [78], imma huwa l-espressjoni ta' dak il-prinċipju stess. Dan għaliex il-kumpannija parent u s-sussidjarji tagħha taħt l-influwenza deċiżiva tagħha huma kollettivament impriża waħda għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni u huma responsabbli għal dik l-impriża [79]. Jekk din l-impriża tikkommetti, intenzjonalment jew b'negliġenza, ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, jew tal-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, dan jiddetermina r-responsabbiltà personali komuni tas-suġġetti ta' dritt kollha fl-istruttura tal-grupp, irrispettivament jekk humiex kumpannija parent jew sussidjarja [80].

98. Din il-forma ta' responsabbiltà bejn il-kumpannija parent u dik sussidjarja taħt id-dritt tal-kompetizzjoni ma għandu x'jaqsam xejn mar-responsabbiltà oġġettiva. Għall-kuntrarju, kif ingħad, il-kumpannija parent hija waħda mis-suġġetti tad-dritt tal-impriża li b'mod negliġenti jew intenzjonalment kisret id-dritt tal-kompetizzjoni. Fi kliem sempliċi, jista' jingħad li (flimkien mas-sussidjarji kollha taħt l-influwenza deċiżiva tagħha) hija l-personifikazzjoni legali tal-impriża li intenzjonalment jew b'negliġenza kisret ir-regoli tal-kompetizzjoni.

99. Huwa veru li l-involviment tal-kumpannija parent fil-ksur tar-regoli ma jkunx esternament apparenti, pereżempju permezz tal-parteċipazzjoni tal-persunal tagħha f'laqgħat tal-membri fl-akkordju. Madankollu dan ma jnaqqasx mill-(ko)responsabbiltà tagħha fil-ksur. Bħala l-kumpannija parent li teżerċita influwenza deċiżiva fuq is-sussidjarji, hija għandha r-riedni f'idejha fi ħdan il-grupp ta' kumpanniji. Ma tistax twarrab ir-responsabbiltà tagħha għall-ksur fil-grupp sempliċiment billi tgħaddiha lis-sussidjarji individwali.

100. Fl-aħħar għandu jingħad li l-appellanti jakkużaw ukoll lill-Qorti tal-Prim'Istanza li naqset milli tagħti l-motivazzjonijiet tagħha. Igħidu li liema huma l-provi li għandha tressaq kumpannija parent biex turi li hi u s-sussidjarji tagħha bejniethom ma jiffurmawx entità ekonomika waħda huma "ambigwi" u "inkomprensibbli" [81].

78 — Fuq il-prinċipju ta' responsabbiltà personali ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26.

79 — Ara l-punti 42 u 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

80 — F'dan is-sens, ara s-sentenza ICI (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 141).

81 — F'dan ir-rigward l-appellanti jirriferu għall-punt 65 tas-sentenza appellata.

101. Anki din il-kritika ma għandhiex bażi. Il-kunċett ta' entità ekonomika waħda huwa kunċett legali familjari li jintuża ta' spiss inkonnessjoni mal-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. Dwar il-provi li għandhom jiġu prodotti, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tagħmel lista eżawrjenti għaliex, kif qalet, jiddependi miċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali [82]. Madankollu, mill-osservazzjonijiet sussegwenti fis-sentenza appellata huwa ċar ħafna x'tip ta' prova l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet qed tistenna [83].

C — Sommarju

104. Għaldaqstant, is-sottomissjonijiet tal-appellanti huma kumplessivament ammissibbli imma infondati. Għaldaqstant l-appell tagħhom għandu jiġi miċħud.

V — Spejjeż

102. Fil-verità dan l-aħħar ilment tal-appellanti mhuwiex dirett lejn nuqqas ta' motivazzjoni imma huwa intiż biex ipoġġi fid-dubju l-validità tal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Diġà għidt li ma għandhom l-ebda possibbiltà li jirnexxu bih.

105. Skont l-Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż meta appell jiġi miċħud. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 tal-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura meta jkun hemm diversi partijiet telliefa l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif taqsam l-ispejjeż.

103. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-aggravju huwa infondat ukoll.

106. Billi l-Kummissjoni talbet l-ispejjeż u l-appellanti kienu telliefa, l-appellanti għandhom jiġu ordnati jħallsu l-ispejjeż. Billi għamlu l-appell flimkien għandhom iħallsu l-ispejjeż *in solidum*.

82 — Sentenza appellata, punt 65, fl-aħħar.
83 — Punt 66 flimkien mal-punti 67 sa 85 tas-sentenza appellata.

VI — Konklużjoni

107. Fid-dawl tal-konklużjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Nederland BV, Akzo Nobel Chemicals International BV, Akzo Nobel Chemicals BV u Akzo Nobel Functional Chemicals BV huma kkundannati *in solidum* għall-ispejjeż.